# Il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija f'Birkirkara

**Mario Fenech**



Ma nafux eżatt meta nbniet il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija f'Birkirkara, u lanqas min kien l-arkitett li ħażżeż il-pjanta tagħha. Dun Filippu Borg, li kien Kappillan ta' Birkirkara, fil-kitba tiegħu jsemmi lill-arkitett Tumas Dingli. L-aktar data li wieħed jista' joqgħod fuqha hi dik tas-sena 1612.

Fuq il-bieb ewlieni tal-knisja jolqtu l-għajn ħames armi mnaqqxa fil-ġebel. L-arma tan-nofs hija tar-Re Filippu III ta' Spanja; fuq in-naħa tax-xellug l-arma tal-Gran Mastru Adolf De Wignacourt, u fuq in-naħa tal-lemin l-arma tal-Isqof Baldassere Cagliares li kien l-uniku Isqof Malti fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri f'Malta. Arma oħra hija dik ta' Dun Filippu Borg. Man-naħa l-oħra l-arma li mhix identifikata fiha siġra tal-palm.

Fil-Plakka tan-nofs hemm kitba li bil-malti tinqara hekk:-

"Lil Alla l-aqwa u l-akbar – Dun Filippu Borg, Kappillan ta' din il-Parroċċa u Vigarju Ġenerali – Dil-Knisja għal ġieħ Omm Alla Mtellgħa s-Sema - bil-flus tiegħu u tan-nies devoti ġedded kabbar u waqqaf fis-sena tas-Sinjur 1617".



Dan ifisser li l-bini ta' din il-parti tal-Knisja kien dam sejjer għal madwar ħames snin.

Minbarra li kienet inħattet il-Knisja l-qadima biex tinbena din il-Knisja, kienu tneħħew ukoll żewġ knejjes oħra żgħar li kienu fil-post. Dawn kienu ddedikati lil Sant'Agata u San Sebastjan. Il-Korsija tal-Knisja tlestiet lejn is-sena 1634 filwaqt li l-Kappelluni kienu nbnew f'perjodu ta' tlett snin u tlestew fl-1639 kif tixhed kitba li hemm mnaqqxa fil-ġebel tad-dekorazzjoni tal-Kappellun.

Ix-xogħol tal-bini baqa' miexi sakemm tlestiet il-Knisja, mingħajr il-koppja, fis-sena 1646. Il-koppla tlestiet fis-sena 1665, sittax-il sena wara l-mewt tal-Kappillan Dun Filippu Borg.

Fil-Knisja kien hemm ħdax altari li kienu ddedikati lil:- San Ġużepp; San Duminku – bil-prospettiva tiegħu tkun lesta fis-sena 1709; l-altar ta' Sant'Andrija li tlesta fis-sena 1687; l-altar ta' San Ġakbu u San Duminku li kien tlesta fl-1634; l-altar tal-Madonna tal-Karmnu kien tlesta fl-1709; u l-altar ta' San Pietru u San Pawl. Fil-Kappellun tar-Rużarju, l-altar tar-Rużarju li ġie ddekorat fl-1649, u l-altar tal-Agunija li tlesta fl-1687.

Fil-Kappellun l-ieħor, l-altar tal-Kurċifiss kien tlesta fl-1723. Il-Kolonni tal-prospettiva ta' dan l-altar kienu ġew meħuda fil-Knisja filjali ta' San Pawl li hemm fil-wied biex iżejnu l-prospettiva tal-altar. L-altar l-ieħor f'dan il-Kappellun, dak tal-Immakulata kien lest fl-1707.

Il-Kampnar waħdieni tal-Knisja kien lest mill-bini tiegħu fl-1679.

Kien isir id-dfin fil-knisja u kien hemm ukoll ċimiterju mal-ġenb tal-Knisja li kellu bieb bil-kanċell quddiemu.

Maż-żmien din il-knisja kienet żarmata mill-opri li kien fiha, u dawn ġew meħuda fil-knisja l-ġdida fuq in-naħa l-oħra tar-raħal. Waqgħet fi stat ta' traskuraġi liema bħalha u fl-1783 bdiet turi sinjali koroh ta' konsenturi. Fl-1787 il-knisja ġiet ipprofanata. Saritilha ħsara kbira waqt it-terremot ta' Jannar tas-sena 1856. Kien hemm żmien meta fil-Knisja kien reġa' beda jsir id-dfin u quddies f'waħda mis-sagristiji.

Bil-ħidma tal-Kapitlu Elenjan kien beda x-xogħol tar-restawr tal-Knisja fis-sena 1969. Is-saqaf tal-korsija kien lest fl-1972 u saret quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nhar it-13 ta' Mejju, tal-istess sena. Ġew imsaqqfa l-Kappelluni u l-kor, u sas-sena 1991, is-saqaf ċatt tal-koppja kien lest.

Sar xogħol kbir ta' restawr fuq in-naħa ta' barra tal-bini tal-knisja. Ix-xogħol tar-restawr fuq il-kampnar kien lest fis-sena 2001. Il-Knisja saret Parroċċa b'digriet tal-Isqof Mons. Giuseppe Mercieca nhar il-25 ta' Marzu, 2005.

B'hekk wara snin twal ta' telqa u żdingar, din il-ġawhra arkitettronika mibnija bl-għaraq tal-Kalkariżi fi żminijiet iebsin, illum ġiet mogħtija lura d-dinjità li tixirqilha, dik li tista' tissejjaħ mill-ġdid il-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' Santa Marija ta' Birkirkara.